**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 26**

L-Erbgħa, 6 ta' Lulju 2022

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.02 p.m.

L-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia ppreseda.

**ATTENDENZA**

Il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal l-Onor. Michael Falzon, il-Ministru għal Għawdex l-Onor. Clint Camilleri u l-Ministru għall-Anzjanità Attiva l-Onor. Jo Etienne Abela, kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borg, l-Onor. Carmelo Abela, l-Onor. Robert Arrigo, l-Onor. Jerome Caruana Cilia u l-Onor. Chris Said kienu skużati.

Il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża l-Onor. Miriam Dalli u l-Onor. Carmelo Mifsud Bonnici kienu assenti.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 25 li saret fil-5 ta' Lulju 2022 kienu kkonfermati.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 498 Tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 6 li saret lis-Sedja mill-Onor. Darren Carabott dwar crowd barriers madwar il-Parlament.

P.L. 499 *Annual report and financial statements of the National Audit Office – 2021*, datat Lulju 2022.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet in-numru 432 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 500 Bijografija tas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, is-Sur Matthew Vella, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 1737;

f'isem il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 501 Rapport Annwali tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal għas Sena 2021; u

P.L. 502 *Positive Parenting Taskforce Progress Report 2016 - 2024* ippubblikat mill-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal flimkien ma' Positive Parenting;

f'isem il-Ministru għat-Turiżmu, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 503 Bijografija tas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għat-Turiżmu, is-Sur Anthony Gatt, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 1734;

f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 504 Bijografija tas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, is-Sur Joseph F Caruana, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 1735;

f'isem il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 505 Bijografija tas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol, is-Sur Paul Zahra, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 1736,

f'isem il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 506 Bijografija tas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, is-Sur Carlos Tabone, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 1738; u

f'isem il-Ministru għall-Ġustizzja, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 507 Bijografija tas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Ġustizzja, is-Sur Johan Galea, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 1739.

**MOZZJONIJIET**

**58. MOZZJONI DWAR IT-TRASFERIMENT TA' ART LIL BIRKIRKARA FOOTBALL CLUB AND NURSERIES**

Il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima, jipproponi:

Sabiex l-ispazji riservati għall-isport fil-komunità jkomplu jikbru u sabiex dejjem ikomplu jinħolqu spazji rikreattivi ġodda għat-tfal u ż-żgħażagħ.

Jiġi mmassimizat il-potenzjal ta' proprjetà li tinsab diġà fil-pussess ta' għaqdiet sportivi b'titolu ta' kera.

Din il-Kamra tirriżolvi li permezz ta' Sport Malta, tiġi trasferita lis-segwenti għaqda sportiva - Birkirkara Football Grounds u n-nurseries - art skont l-abbozz tal-att pubbliku u pjanti annessi, skont u bis-saħħa tal-Att dwar l-Isport (Kap. 455) u li se jkun qed jinbidel tali titolu għal wieħed ta' ċens temporanju għal perjodu ta' ħamsa u erbgħin (45) sena.

Din il-Kamra tirriżolvi l-appoġġ sħiħ tagħha għal dan l-imsemmi trasferiment.

L-Onor. Deo Debattista ssekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

## 59. RIŻOLUZZJONI DWAR RINUNZJA TA' PARTI MILL-ENFITEWSI TEMPORANJU, KONĊESSJONI B'ENFITEWSI TEMPORANJU TA' ART TAL-GVERN FIL-KONFINI TA' SMARTCITY U VARJAZZJONI TAL-KUNTRATT

Il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet, l-Onor. Silvio Schembri, jipproponi:

Illi permezz ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar Tania Spiteri datat il-ħdax (11) ta' Marzu 2016 (l-att oriġinali), ġew konċiżi b'titolu ta' enfitewsi temporanju għal 99 sena, siti f'Bormla tal-kejl komplessivament ta' madwar erbat elef mija u ħdax-il metru kwadru (4,111 $m^2$) kif ukoll siti fl-inħawi hekk imsejħa taż-Żonqor, f'Wied il-Għajn tal-kejl ta' madwar wieħed u erbgħin elf metru kwadru (41,000 $m^2$) lil Sadeen Education Investment Limited hawn imsejħa (AUM) bil-pattijiet u kundizzjonijiet li hemm fl-att.

L-għan tal-konċessjoni kien sabiex b'investiment barrani, stmat f'dak iż-żmien għal mija u erba' miljun ewro (€104 miljun) jiġi stabbilit istituzzjoni edukattiva akkreditata, imsejħa — American University of Malta. Hu stmat ukoll illi meta tkun qed tiffunzjona b'mod sħiħ l-istituzzjoni, ikunu ġew maħluqa mat-tliet mitt (300) impjieg illi fil-maġġoranza tagħhom ikunu 'high end employment'.

Illi x-xogħol f'partijiet mis-siti f'Bormla sabiex iservu bħala kampus għall-fakultajiet tal-Inġinerija, Arti u Kummerċ/Negozju nbeda immedjatament wara l-għotja enfitewtika.

Illi bir-restawr tal-binjiet li kienu prinċiparjament użati bħala mħażen tat-Tarzna għal għexieren ta' snin fid-Dock 1 area ta' Bormla u li tali restawr sar b'investiment ta' madwar ħamsin miljun ewro (€50 miljun) fil-proġett tal-AUM, ingħata nifs u ħajja ġdida lil dawk l-inħawi, nifs li tant kien meħtieġ lil dik il-parti tan-nofsinhar ta' Malta. Ma hemm ebda dubju li x-xogħol li sar mill-AUM fil-Kottonera kien ta' benefiċċju għall-poplu tat-tlett ibliet u tal-madwar.

Illi l-permessi mill-awtoritajiet kompetenti biex jitkomplew il-proġetti oriġinarjament maħsuba mill-AUM u li għandhom jikkumplimentaw il-kampus ta' Bormla, għadhom pendenti, u l-proġett u x-xogħol ta' riġenerazzjoni ta' dawk l-inħawi kellhom jieqfu kważi ħesrem.

Illi reċentament, anke minħabba l-effetti tal-pandemija COVID-19 u r-restrizzjonijiet relatati, speċjalment fl-ivvjaġġar kienet anke affettwata sew is-sistema edukattiva globali inġenerali, u l-istituzzjoni ġiet ristretta illi tirriorganizza f'diversi aspetti fosthom l-iżvilupp tal-proġett kif kien maħsub.

Illi l-Gvern, f'konformità mal-mandat li ngħata, huwa impenjat li jipprijoritizza dejjem aktar favur kwalità ta' ħajja aħjar għall-Maltin mhux lanqas bit-tgawdija ta' iktar spazji pubbliċi miftuħa u ħodor. Fuq quddiem nett il-Gvern għandu l-impenn li l-art fiż-Żonqor tibqa' żona barra mill-iżvilupp u fil-Kottonera, proprju bejn Bormla u l-Isla, jinvesti fi spazju miftuħ ġdid.

Illi nonstante d-diffikultajiet kollha, l-AUM temmen fil-proġett tagħha u hija impenjata li twettaqhom, speċjalment dawk fejn għandhom x'jaqsmu l-iżvilupp u r-riċerka moderna.

Illi biex jitkompla l-proċess, il-partijiet għarfu u huma konsapevoli li wħud mis-siti enfitewtiċi fil-konċessjoni tal-AUM huma ambjentalment, storikament u kulturalment sensittivi.

Illi għaldaqstant, bħala rimedju biex jitkompla l-investiment pattwit, huwa propost fuq aċċettazzjoni tal-partijiet illi l-AUM tirrinunzja għal enfitewsi temporanju ta' dak is-sit aktar magħruf bħala 'Saint Paul's Car Park' u s-sotterran tat-triq biswit l-istess 'Saint Paul's Car Park' li t-tnejn li huma jinsabu inti u dieħel l-Isla, kif aħjar murija fil-pjanta hawn annessa Dok A: Annex A kif ukoll għat-tliet porzjonijiet t'art li jinsabu fl-inħawi taż-Żonqor, Wied il-Għajn kif aħjar murija fil-pjanta hawn annessa Dok B: Annex B. Dawn is-siti, ta' Bormla u ta' Wied il-Għajn flimkien għandhom kejl komplessiv ta' madwar ħamsa u erbgħin elf, sitt mija u sitta u sittin metru kwadru (45,666 $m^2$).

Illi l-partijiet jipproponu li tali renunzja tkun soġġetta inter alia għall-kundizzjonijiet segwenti:

Il-Gvern ta' Malta jsebbaħ (embellish) is-sit rinunzjat int u dieħel l-Isla, ċjoè, Saint Paul's Car Park.

Peress li l-AUM, bir-renunzja tal-art imsemmija f'Bormla, tkun qed tnaqqas madwar 220 parkeġġ proġettat f'Bormla, il-Gvern jipprovdi 10 parkeġġi fil-viċinanza tal-istess inħawi.

L-AUM tiġi kompensata għall-ispejjeż relattivi li saru fejn jirrigwardja s-siti rinunzjati bħal spejjeż ta' periti, applikazzjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar u spejjeż oħra kwantifikabbli.

Illi l-obbligi ta' investiment u ħolqien ta' xogħol imponuti bil-kuntratt oriġinali fl-Att tan-Nutar Tania Spiteri datat il-ħdax (11) ta' Marzu 2016 iridu jibqgħu jiġu onorati.

Għaldaqstant, peress li l-art tal-Gvern fil-konfini ta' SmartCity, Xgħajra, tal-kejl ta' madwar wieħed u tletin elf, sitt mija u tmienja u ħamsin metru kwadru (31,658 $m^2$) immarkata M2 kif aħjar murija fil-pjanta hawn annessa Dok C: Annex C, imsejħa 'SCM Site' hija maħsuba mill-partijiet bħala sit ideali biex jiġu trasferita lill-AUM, sew biex din tkun tista' tonora l-obbligi rimanenti ta' investiment u ħolqien ta' xogħol naxxenti mill-att oriġinali fl-Atti tan-Nutar Tania Spiteri datat il-ħdax (11) ta' Marzu 2016 u sew biex il-proġett ta' SmartCity jingħata spinta importanti b'injezzjoni ta' investiment ġdid.

U illi flimkien mal-art hawn fuq deskritta li tinsab immarkata M2 f'Dok C: Annex C, hu propost li l-ħames imħażen li jokkupaw ir-'Retaining Arches' ta' taħt Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu 1979 f'Bormla, murija fil-pjanta hawn annessa Dok D: Annex D, liema mħażen huma aċċessibbli biss mill-art diġà konċiża lill-AUM fil-kuntratt oriġinali fl-Atti tan-Nutar Tania Spiteri datat il-ħdax (11) ta' Marzu 2016.

Illi l-enfitewsi temporanju tal-'SCM Site' hu propost li jkun ta' disgħa u disgħin sena (99 sena) illi bdew ukoll jiddekorru mill-ħdax ta' Marzu 2016 biċ-ċens imponut ikun ekwivalenti għal dak li kien jinkorri fuq l-art renunzjata taż-Żonqor, f'Wied il-Għajn, skont il-kuntratt oriġinali fl-Atti tan-Nutar Tania Spiteri datat il-ħdax (11) ta' Marzu 2016.

Illi ċ-ċens oriġinarjament gravanti lill-artijiet rinunzjati, bis-sostituzzjoni taċ-ċens gravanti lill-SCM site u tal-ħames imħażen murija fil-pjanta hawn annessa Dok D: Annex D, flimkien huwa ekwivalenti.

U peress li l-SCM site u li l-ħames imħażen jiġu konsidrati parti mis-sit enfitewtiku riżultanti, għaldaqstant iċ-ċens riżultanti jibqa' dak imponut fl-Atti tan-Nutar Tania Spiteri datat il-ħdax (11) ta' Marzu 2016, mingħajr ebda tibdil.

Illi għalkemm kif spjegat il-konċessjoni enfitewtika tkun waħda indipendenti mill-konċessjoni enfitewtika ta' SmartCity, hu propost illi kundizzjoni integrali tkun illi l-enfitewta huwa obbligat li josserva xi kundizzjonijiet imposti fil-konċessjoni enfitewtika ta' SmartCity kif aħjar deskritti fl-abbozz ta' kuntratt hawn anness Dok E.

Illi l-abbozz ta' kuntratt enfitewtiku hawn anness Dok E jipprovdi wkoll il-parametri sabiex, skont il-konċessjoni enfitewtika ta' SmartCity fl-Atti tan-Nutar Vincent Miceli datat 22 ta' April 2007, enfitewsi temporanja eliġibbli tkun tista' tiġi konvertita f'enfitewsi perpetwa li sussegwentament iċ-ċens riżultanti jista' jiġi mifdi skont il-kundizzjonijiet fl-abbozz tal-kuntratt hawn anness Dok E.

Illi l-abbozz Dok E jistipula wkoll il-parametri tal-għoli tal-bini permessibbli li jistgħu jinbnew u l-parametri tal-Gross Floor Area massimu (max GFA), dejjem bl-approvazzjoni u l-permessi approvati mill-awtoritajiet kompetenti.

Illi jiġi propost li dan it-trasferiment ikun soġġett għall-pattijiet u kundizzjonijiet addizzjonali, inter alia fosthom li l-iżvilupp fuq l-'SCM Site' fil-konfini ta' SmartCity għandu jiġi żviluppat f'żewġ fażijiet, suġġetti għal 'time lines' tal-proċessi relatati ma' permessi jew/u żvilupp tal-proġett u f'dawk iċ-ċirkostanzi fejn jkun hemm 'events of default', sew min-naħa tal-enfitewta u sew min-naħa tal-Gvern, ir-rimedji odjerni huma dawk deskritti fl-abbozz tal-kuntratt hawn anness Dok E.

Billi fit-tranżazzjonijiet proposti mhux se jkun hemm ebda qligħ kapitali, hu propost li l-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol japprova eżenzjoni mill-ħlas ta' taxxa kapitali.

Billi d-definizzjoni ta' trasferiment fl-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573) tinkludi wkoll kull tibdil ta' xi kundizzjoni.

Għaldaqstant huwa propost li l-enfitewsi temporanju fuq l-art li tinsab fil-pjanti hawn annessi bħala Dok A: Annex A u Dok B: Annex B jiġu rinunzjati minn Sadeen Education Investment Limited u li l-art fix-Xgħajra immarkata M2 f'Dok C: Annex C u l-ħames imħażen taħt Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu 1979 f'Bormla kif jinsabu murija f'Dok D: Annex D hawn anness ikunu konċiżi b'enfitewsi temporanju lill-istess Sadeen Education Investment Limited skont il-kundizzjonijiet u pattijiet imsemmija fl-abbozz ta' kuntratt hawn anness Dok. E.

U billi fl-artiklu 31, sub-artiklu (c) ta' Taqsima III tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta), huwa maħsub li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita (*jew jista' jsir tibdil ta' xi kundizzjoni jew trasferiment minn u lura lill-Gvern*) skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment. (*Kliem fil-parentesi miżjud).*

Billi huwa maħsub xieraq li r-renunzja ta' parti mill-enfitewsi temporanju fl-Atti tan-Nutar Tania Spiteri datat il-ħdax (11) ta' Marzu 2016 issir b'riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

U billi huwa wkoll maħsub xieraq li tkun konċiża enfitewsi temporanja t'art fix-Xgħajra li tinsab immarkata M2 f'Dok C: Annex C u jiġu konċiżi erba' mħażen f'Bormla murija fil-pjanta PD 2006_943 Dok D: Annex D, skont il-pattijiet u l-kundizzjonijiet kif deskritti fl-abbozz ta' kuntratt hawn anness Dok E;

Għalhekk huwa b'dan riżolut illi ssir renunzja ta' parti mill-enfitewsi temporanju mill-konċessjoni oriġinali fl-Atti tan-Nutar Tania Spiteri datat il-ħdax (11) ta' Marzu 2016 u jkunu konċiżi b'enfitewsi temporanja artijiet fix-Xgħajra u f'Bormla skont il-pattijiet u l-kundizzjonijiet fl-abbozz ta' kuntratt hawn anness Dok E: Annex E.

L-Onor. Alex Muscat issekonda

L-Ispeaker informa lill-Kamra li skont il-ftehim milħuq fis-seduta preċedenti, id-diskussjoni dwar din il-mozzjoni kellha titqies li tapplika wkoll għat-tielet mozzjoni li tidher fuq l-Aġenda u li kienet ser titressaq mill-istess Ministru immedjatament wara li titqiegħed għall-vot din il-mozzjoni. Il-voti taż-żewġ mozzjonijiet kellhom jittieħdu b'mod separat fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol.

L-Ispeaker avża wkoll li l-ħin tad-diskussjoni kellu jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bil-ftuħ u l-għeluq għall-Gvern.

Fil-5.18 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta għal ftit mumenti sakemm l-Ispeaker jinforma dwar sostituzzjoni f'Kumitati Permanenti.

**KUMITATI PERMANENTI**

L-Ispeaker informa lill-Kamra li skont paragrafu (4) tal-artikolu 120B tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, fil-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali ta' dakinhar, l-Erbgħa, 6 ta' Lulju 2022, l-Onor. Paula Mifsud Bonnici issostitwiet lill-Onor. Graziella Galea.

**59. RIŻOLUZZJONI DWAR RINUNZJA TA' PARTI MILL-ENFITEWSI TEMPORANJU, KONĊESSJONI B'ENFITEWSI TEMPORANJU TA' ART TAL-GVERN FIL-KONFINI TA' SMARTCITY U VARJAZZJONI TAL-KUNTRATT (KONTINWAZZJONI)**

Il-Kamra rriżumiet minn ftit tal-mumenti qabel id-diskussjoni fuq ir-riżoluzzjoni ta' Trasferiment ta' Artijiet.

Fis-6.25 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta għal ftit mumenti fejn l-Ispeaker avża li kif stipulat fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, il-barranin għandhom joqogħdu siekta u m'għandhom juru ebda approvazzjoni jew diżapprovazzjoni fl-ebda stadju tas-seduta. Huwa avża wkoll li t-teħid ta' ritratti jew xi forma ta' recording awdjo-viżiv lanqas huwa permess. Huwa informa li f'każ ta' ksur ta' dawn ir-regolamenti, ma jkollux triq oħra ħlief li jitlobhom jirtiraw mill-Kamra.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Robert Abela, l-Onor. Owen Bonnici, l-Onor. Clayton Bartolo, l-Onor. Glenn Bedingfield u l-Onor. Silvio Schembri għan-naħa tal-Gvern, u l-Onor. Bernard Grech, l-Onor. Rebekah Cilia, l-Onor. Eve Borg Bonello, l-Onor. Karol Aquilina, l-Onor. Bernice Bonello, l-Onor. Justin Schembri u l-Onor. Darren Carabott għan-naħa tal-Oppożizzjoni.

Bil-permess tal-Kamra, l-Onor. Karol Aquilina qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

| | |
|---|---|
| P.L. 508 | Ftehim addizzjonali għall-kuntratt bejn il-Gvern ta' Malta u Sadeen Education Investment Ltd dwar trasferiment ta' art fiż-Żonqor, b'rabta mal-American University of Malta (AUM) datat 23 ta' Ottubru 2015. |

Meta l-Ispeaker għadda biex iqiegħed il-mistoqsija fuq il-mozzjoni kif imressqa mill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet, intalbet votazzjoni li ttieħdet dak il-ħin stess skont ftehim milħuq.

Il-Kamra vvotat hekk:

**VOTAZZJONI NRU 10** **ĦIN: 7.03 p.m.**

**FAVUR: 38**

**L-Onor.**

Abela Ray
Abela Robert
Agius Chris
Agius Galea Malcolm Paul
Attard Jonathan
Azzopardi Tanti Keith
Baldacchino Zarb Romilda
Bartolo Clayton
Bedingfield Glenn
Bonett Chris
Bonnici Owen
Bugeja Said Alicia
Buttigieg Rebecca
Cachia Naomi
Camilleri Abigail
Camilleri Byron
Caruana Clyde
Cutajar Rosianne
De Battista Randolph
De Giovanni Katya
Debattista Deo
Ellul Andy
Farrugia Aaron
Farrugia Michael
Farrugia Omar
Farrugia Portelli Julia
Fearne Chris
Galdes Roderick
Galea Cressida
Grima Clifton
Muscat Alex
Refalo Anton
Sammut Hili Davina
Schembri Silvio
Spiteri Grech Amanda
Zammit Lewis Edward
Zerafa Civelli Alison
Zrinzo Azzopardi Stefan

**KONTRA 31**

**L-Onor.**

Agius David
Aquilina Karol
Attard Previ Graziella
Azzopardi Charles
Bartolo Ivan
Bartolo Ivan J.
Bencini Graham
Bezzina Toni
Bonello Bernice
Borg Alex
Borg Bonello Eve
Buttigieg Claudette
Callus Ryan
Carabott Darren
Castillo Ivan
Chetcuti Janice
Cilia Rebekah
Cutajar Robert
De Marco Mario
Delia Adrian
Fenech Adami Beppe
Galea Graziella
Giglio Joe
Grech Bernard
Mifsud Bonnici Paula
Sammut Mark Anthony
Schembri Justin
Spiteri Stephen
Vassallo Ian
Zahra Julie
Zammit Stanley

Ir-riżoluzzjoni għaddiet.

**60. ILLI L-KAMRA TAPPROVA R-RIŻOLUZZJONI DWAR TERMINAZZJONI TA' PARTI MILL-ENFITEWSI TEMPORANJU U ĊENS RELATTIV, VARJAZZJONI TAL-KUNTRATT FL-ATTI TAN-NUTAR VINCENT MICELI, DATAT 22 TA' APRIL 2007 U SUSSEGWENTAMENT MODIFIKAT F'KUNTRATT FL-ATTI TAN-NUTAR ANTHONY HILI, DATAT 14 TA' OTTUBRU 2016**

Il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet, l-Onor. Silvio Schembri, jipproponi:

Illi permezz ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar Vincent Miceli datat tnejn u għoxrin (22) t'April 2007, sussegwentament modifikat b'kuntratt fl-Atti tan-Nutar Anthony Hili datat 14 t'Ottubru 2016, ġie konċess enfitewsi temporanju għal 99 sena lil SmartCity (Malta) [SCM] bil-pattijiet u kundizzjonijiet li hemm fl-att.

Illi fost il-pattijiet u kundizzjonijiet, SCM kellha tinvesti mhux anqas minn €285 miljun u li jiġu ġġenerati mhux inqas minn 5,600 impjieg ġdid fi żmien 14-il sena mill-att enfitewtiku.

Illi sa mill-bidu u partikolarment waqt, u anke wara l-kriżi finanzjarja tal-2008, kien diġà deher evidenti illi l-mudell tal-proġett kif oriġinarjament propost ma kienx sostenibbli bil-kundizzjonijiet imposti fil-kuntratt oriġinali.

Illi sal-2014, kienu ġew investiti biss madwar 100 miljun ewro fil-proġett, il-parti l-kbira provduti minn Smart City Dubai, u sussegwentament il-proġett staġna, u ma saru l-ebda xogħlijiet ta' natura maġġuri.

Illi għal dawn ir-raġunijiet sar evidenti l-bżonn ta' reviżjoni u varjazzjoni tal-kuntratt oriġinali.

Illi l-għan prinċipali tat-tibdil kien propost sabiex jinħoloq iżjed xogħol u investiment f'parti min-naħa t'isfel ta' Malta, kif ukoll sabiex ikun hemm riġenerazzjoni fl-inħawi u lokalitajiet fil-viċinanzi.

Illi l-kunċett ta' SmartCity mill-bidu nett kien biex jiġu attirati investituri multi-internazzjonali.

Illi n-nuqqas ta' akkomodazzjoni ta' kwalità u fi kwantità fl-akkwati tax-Xgħajra, il-Kalkara u l-Kottonera għall-impjegati prospettivi fi SmartCity kien punt determinanti għan-nuqqas ta' investiment internazzjonali fi SmartCity.

Illi biex it-tibdiliet meħtieġa jkunu jistgħu jsiru, jinħtieġ illi jsir varjazzjoni fil-kuntratt enfitewtiku oriġinali.

Illi ġie miftiehem bejn il-partijiet illi l-varjazzjoni tikkomprendi, *inter alia* rexxissjoni lura lill-Gvern ta' parti mis-sit enfitewtiku tal-kejl ta' madwar 44,681m$^2$ (immarkata bl-ittri L u M fil-pjanta hawn annessa Dok A: Annex A) b'riduzzjoni proporzjonali taċ-ċens temporanju liema somma tkun maħduma skont il-metodu applikabbli approvat.

Illi ġie maqbul ukoll li s-sit li jirreverti lura lill-Gvern ikun kostrett illi jintuża biex jiġi żviluppat kumpless għal skopijiet varji edukattivi, uffiċini, amiljoritajiet kummerċjali u parkeġġi sotterrani.

Illi peress li s-sit propost li jiġi rexxiss (immarkata bl-ittri L u M fil-pjanta hawn annessa Dok A: Annex A) jinstab fil-qalba tal-proġett prinċipali ta' SmartCity, hu maħsub illi xorta jiġi meqjus bħala parti mill-proġett oriġinali ta' SmartCity u suġġett għall-obbligi imposti lill-SCM fil-kuntratt oriġinali.

**<u>Obbligi SCM</u>**

Illi permezz tal-kuntratt oriġinali, SCM kienet obbligata tikkonkludi l-proġett fi żmien 14-il sena mill-att enfitewtiku oriġinali.

Illi huwa propost bil-kuntratt ta' varjazzjoni, li SCM jintrabtu biex il-proġett jitlesta f'żewġ fażijiet.

L-ewwel fażi li għandha tinkludi lukanda u skejjel akkreditati għat-tagħlim primarju u sekondarju flimkien mal-iżvilupp ta' 7,000m$^2$ ta' arja għan-negozji (u dawn flok l-appartamenti oriġinarjament maħsuba) għandhom ikunu lesti fi żmien ħames snin (5) mill-ħruġ tal-permess tal-iżvilupp.

It-tieni fażi trid tkun kompluta fil-ħames snin (5) ta' wara.

Illi, fil-kuntratt ta' varjazzjoni, l-ispazji pubbliċi jiżdiedu minn 33% tal-art fi SCM (jiġifieri 118,061m$^2$) għal minimu ta' 130,000m$^2$. L-ispazji pubbliċi kollha għandhom jibqgħu aċċessibbli mingħajr ħlas għall-pubbliku ġenerali f'kull ħin.

Illi l-għoli tal-binjiet kif oriġinarjament approvati kellhom jiġu mnaqqsa. Fil-kuntratt ta' varjazzjoni hu propost li l-limitu fuq l-għoli tal-bini jkun stabbilit għal +60.0m mil-livell tal-baħar.

Illi l-iżvilupp ta' SmartCity għandu, bħala minimu, jinkludi 'Gross Built-up Area' ta' 180,000m$^2$ li tifforma parti mill-'Business Component', kif definit fil-kuntratt ta' varjazzjoni. Mat-tlestija tal-proġett, minimu ta' 55% tal-'Gross Built-up Area' ta' SmartCity għandha tkun iddedikata għall-'Business Component'.

Illi minħabba riorganizzazzjoni interna fi ħdan Dubai Holding, Tecom Investments FZ-LLC għandha tiġi sostitwita bi Smart City (Dubai) FZ-LLC.

Illi mhux propost li jkun hemm varjazzjoni fl-obbligu li jinħolqu mhux anqas minn 5,600 impjieg kif hemm stipulat fil-kuntratt oriġinali.

Illi ġie maqbul illi l-investiment totali li SCM hija obbligata li tagħmel fil-proġett kollu għandu jvarja 'l fuq minn €285 miljun skont kif stipulat fil-kuntratt oriġinali għal €300 miljun.

Illi d-dritt mogħti fil-kuntratt oriġinali li ċ-ċens jiġi konvertit f'wieħed perpetwu mhux propost bdil ħlief illi l-'premium' jiżdied minn €4.08 għal €6.10 kull m$^2$.

Illi SCM tobbliga li tikkontribwixxi s-somma annwali ta' €100,000 għal skopijiet edukattivi lil-lokalitajiet viċini bħala parti mill-programm CSR.

**Obbligi tal-Gvern ta' Malta**

Illi, bil-kuntratt oriġinali, il-Gvern ta' Malta hu obbligat jiżviluppa toroq adekwati sabiex jinħoloq konnessjoni bejn SmartCity mal-By-Pass tal-Barrani (Tarxien/Żejtun). Bil-kuntratt ta' varjazzjoni, hu propost li l-Gvern ikun obbligat jiżviluppa triq ġdida minn bieb Notre Dame (Bieb is-Sultan) Ħaż-Żabbar sal-kunvent tal-Kapuċċini fi Triq Santa Liberata fil-Kalkara filwaqt li jtejjeb xi toroq fil-viċinanzi ta' SmartCity.

Illi flimkien mat-toroq imsemmija, hu propost illi l-Gvern jiżviluppa t-triq imsejħa 'Peripheral Ring Road' li tinstab fil-konfini tal-proġett ta' SmartCity, joħloq 600 parkeġġ għall-karozzi, kera franka lil SmartCity u jipprovdi trasport pubbliku b'xejn minn u għal-laneċ f'Bormla u Marsamxett.

Billi d-definizzjoni ta' trasferiment fl-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573) tinkludi wkoll kull tibdil ta' xi kundizzjoni.

Għaldaqstant huwa propost li l-enfitewsi temporanju u ċens relattiv gravanti fuq l-art immarkata 'L' u 'M' fuq il-pjanta hawn annessa Dok A: Annex A jiġu terminati u li l-kundizzjonijiet u pattijiet imsemmija hawn fuq suġġetti għall-kuntratt fl-Atti tan-Nutar Vincent Miceli datat 22 ta' April 2007, sussegwentament modifikat b'Att tan-Nutar Anthony Hili datat 14 ta' Ottubru 2016 jiġu varjati kif aktar 'il fuq deskritti u dan ukoll abbażi tal-abbozz ta' kuntratt hawn anness Dok B: Annex B.

U billi fl-artikolu 31, subartikolu (c) tat-Taqsima III tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573), huwa maħsub li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita (*jew jista' jsir tibdil ta' xi kundizzjoni jew trasferiment minn u lura lill-Gvern*) skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment. (*Kliem fil-parentesi miżjud*)

Billi huwa maħsub xieraq li t-terminazzjoni ta' parti mill-enfitewsi temporanju flimkien maċ-ċens relattiv u varjazzjonijiet fuq imsemmija jsiru skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut illi ssir terminazzjoni ta' parti mill-enfitewsi temporanju u ċens relattiv u jsiru l-varjazzjonijiet deskritti skont il-pattijiet u l-kundizzjonijiet kif deskritti fl-abbozz anness Dok B: Annex B.

L-Ispeaker informa lill-Kamra, li d-diskussjoni dwar din il-mozzjoni issa kienet ġiet eżawrita bid-diskussjoni fuq il-Mozzjoni 59. Meta l-Ispeaker għadda biex iqiegħed il-mistoqsija fuq il-mozzjoni kif imressqa mill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet, intalbet votazzjoni li ttieħdet dak il-ħin stess skont ftehim milħuq.

Il-Kamra vvotat hekk:

**VOTAZZJONI NRU 11** **ĦIN: 7.14 p.m.**

**FAVUR: 38**

**L-Onor.**

Abela Ray
Abela Robert
Agius Chris
Agius Galea Malcolm Paul
Attard Jonathan
Azzopardi Tanti Keith
Baldacchino Zarb Romilda
Bartolo Clayton
Bedingfield Glenn
Bonett Chris
Bonnici Owen
Bugeja Said Alicia
Buttigieg Rebecca
Cachia Naomi
Camilleri Abigail
Camilleri Byron
Caruana Clyde
Cutajar Rosianne
De Battista Randolph
De Giovanni Katya
Debattista Deo
Ellul Andy
Farrugia Aaron
Farrugia Michael
Farrugia Omar
Farrugia Portelli Julia
Fearne Chris
Galdes Roderick
Galea Cressida
Grima Clifton
Muscat Alex
Refalo Anton
Sammut Hili Davina
Schembri Silvio
Spiteri Grech Amanda
Zammit Lewis Edward
Zerafa Civelli Alison
Zrinzo Azzopardi Stefan

**KONTRA 31**

**L-Onor.**

Agius David
Aquilina Karol
Attard Previ Graziella
Azzopardi Charles
Cilia Rebekah
Cutajar Robert
De Marco Mario
Delia Adrian

Bartolo Ivan
Bartolo Ivan J.
Bencini Graham
Bezzina Toni
Bonello Bernice
Borg Alex
Borg Bonello Eve
Buttigieg Claudette
Callus Ryan
Carabott Darren
Castillo Ivan
Chetcuti Janice
Fenech Adami Beppe
Galea Graziella
Giglio Joe
Grech Bernard
Mifsud Bonnici Paula
Sammut Mark Anthony
Schembri Justin
Spiteri Stephen
Vassallo Ian
Zahra Julie
Zammit Stanley

Ir-riżoluzzjoni għaddiet.

L-Ispeaker informa li skont ftehim milħuq, il-Kamra kellha tgħaddi għall-konsiderazzjoni tal-ewwel żewġ items tal-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qara l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

1. **ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA DIVERSI LIĠIJIET DWAR IL-PROKREAZZJONI ASSISTITA - ABBOZZ NRU 5**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Chris Fearne, ippropona t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda diversi liġijiet dwar il-Prokreazzjoni Assistita.

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Byron Camilleri, issekonda.

Meta l-Ispeaker qiegħed il-mistoqsija fuq it-Tielet Qari, intalbet votazzjoni, liema votazzjoni kellha tittieħed dak il-ħin stess.

L-Onor. Adrian Delia għamel dikjarazzjoni tar-raġunijiet għaliex hu kien se jkun qed jivvota kontra l-abbozz f'dan l-istadju.

L-Onor. Stephen Spiteri ddikjara r-raġunijiet għaliex l-Oppożizzjoni kienet se tivvota favur din il-mozzjoni.

Il-Kamra vvotat hekk:

**VOTAZZJONI NRU 12** **ĦIN: 7.20 pm**

**FAVUR: 66**

**L-Onor.**

Abela Ray
Abela Robert
Agius Chris
Agius David
Agius Galea Malcolm Paul
Cutajar Rosianne
De Battista Randolph
De Giovanni Katya
De Marco Mario
Debattista Deo

Aquilina Karol
Attard Jonathan
Attard Previ Graziella
Azzopardi Charles
Azzopardi Tanti Keith
Baldacchino Zarb Romilda
Bartolo Clayton
Bartolo Ivan J.
Bedingfield Glenn
Bencini Graham
Bezzina Toni
Bonello Bernice
Bonett Chris
Bonnici Owen
Borg Bonello Eve
Bugeja Said Alicia
Buttigieg Claudette
Buttigieg Rebecca
Cachia Naomi
Callus Ryan
Camilleri Abigail
Camilleri Byron
Carabott Darren
Caruana Clyde
Castillo Ivan
Chetcuti Janice
Cilia Rebekah
Cutajar Robert
Ellul Andy
Farrugia Aaron
Farrugia Michael
Farrugia Omar
Farrugia Portelli Julia
Fearne Chris
Fenech Adami Beppe
Galdes Roderick
Galea Cressida
Galea Graziella
Giglio Joe
Grech Bernard
Grima Clifton
Mifsud Bonnici Paula
Muscat Alex
Refalo Anton
Sammut Mark Anthony
Sammut Hili Davina
Schembri Justin
Schembri Silvio
Spiteri Stephen
Spiteri Grech Amanda
Vassallo Ian
Zahra Julie
Zammit Stanley
Zammit Lewis Edward
Zerafa Civelli Alison
Zrinzo Azzopardi Stefan

**KONTRA 3**

**L-Onor.**

Bartolo Ivan
Borg Alex
Delia Adrian

Il-mozzjoni għaddiet u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda diversi liġijiet dwar il-Prokreazzjoni Assistita u sabiex jagħmel dispożizzjonijiet anċillari u konsegwenzjali għalihom" inqara t-tielet darba u għadda.

## 2. MOZZJONI LI TIRREVOKA L-AVVIŻI LEGALI NRU 161 U NRU 163 TAL-2022 LI JEMENDAW IR-REGOLAMENTI DWAR IL-ĦINIJIET TAL-FTUĦ TAN-NEGOZJI - MOZZJONI NRU 51

Meta l-Ispeaker qiegħed il-mistoqsija fuq il-Mozzjoni Nru 51 imressqa mill-Onor. Darren Carabott fis-seduta numru 24 tal-4 ta' Lulju 2022 dwar l-Avviżi Legali Nri 161 u 163 tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħinijiet tal-Ftuħ tan-Negozji, intalbet votazzjoni u din ittieħdet dak il-ħin stess.

Il-Kamra vvotat hekk:

**VOTAZZJONI NRU 13** **ĦIN: 7.22 p.m.**

**FAVUR: 31**

**L-Onor.**

Agius David
Aquilina Karol
Attard Previ Graziella
Azzopardi Charles
Bartolo Ivan
Bartolo Ivan J.
Bencini Graham
Bezzina Toni
Bonello Bernice
Borg Alex
Borg Bonello Eve
Buttigieg Claudette
Callus Ryan
Carabott Darren
Castillo Ivan
Chetcuti Janice
Cilia Rebekah
Cutajar Robert
De Marco Mario
Delia Adrian
Fenech Adami Beppe
Galea Graziella
Giglio Joe
Grech Bernard
Mifsud Bonnici Paula
Sammut Mark Anthony
Schembri Justin
Spiteri Stephen
Vassallo Ian
Zahra Julie
Zammit Stanley

**KONTRA: 38**

**L-Onor.**

Abela Ray
Abela Robert
Agius Chris
Agius Galea Malcolm Paul
Attard Jonathan
Azzopardi Tanti Keith
Baldacchino Zarb Romilda
Bartolo Clayton
Bedingfield Glenn
Bonett Chris
Bonnici Owen
Bugeja Said Alicia
Buttigieg Rebecca
Cachia Naomi
Camilleri Abigail
Camilleri Byron
Caruana Clyde
Cutajar Rosianne
De Battista Randolph
De Giovanni Katya
Debattista Deo
Ellul Andy
Farrugia Aaron
Farrugia Michael
Farrugia Omar
Farrugia Portelli Julia
Fearne Chris
Galdes Roderick
Galea Cressida
Grima Clifton
Muscat Alex
Refalo Anton
Sammut Hili Davina
Schembri Silvio
Spiteri Grech Amanda
Zammit Lewis Edward
Zerafa Civelli Alison
Zrinzo Azzopardi Stefan

Il-mozzjoni m'għaddietx.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 509 Rapport dwar il-parteċipazzjoni tal-Onor. David Agius, l-Onor. Katya De Giovanni u l-Onor. Paula Mifsud Bonnici fil-*High Level Conference "The Palermo Convention: the future of the fight against transnational organized crime"* tal-PAM li nżammet f'Napli fl-20 u l-21 ta' Ġunju 2022.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, l-Onor. Clyde Caruana, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 510 Rapport Finanzjarju għas-sena 2021 maħruġ mit-Teżor skont l-Artikolu 37 tal-Att dwar il-Ġestjoni tal-Finanzi Pubbliċi;

P.L. 511 Rapport Annwali tal-Mekkaniżmu ta' Stabbilità Ewropea (ESM) għas-sena 2021;

P.L. 512 Board of Auditors' Annual Report to the Board of Governors tal-Mekkaniżmu ta' Stabbilità Ewropea (ESM); u

P.L. 513 Management comments on the Board of Auditors' Annual Report to the Board of Governors tal-Mekkaniżmu ta' Stabbilità Ewropea (ESM) li għalaq fil-31 ta' Diċembru 2021.

**KUMITATI PERMANENTI**

L-Onor. Glenn Bedingfield, President tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej, irrapporta li fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma I li ltaqa' fis-6 ta' Lulju 2022, ġew ikkonsidrati disa' proposti leġiżlattivi għall-fini ta' Protokoll 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u rriżulta li tmienja minnhom kienu konformi mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u proporzjonalità u qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 514 Lista ta' tmien proposti leġiżlattivi kkonsidrati għall-fini ta' Protokoll 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li ġew ikkunsidrati fil-laqgħa ta' Grupp ta' Ħidma 1 tas-6 ta' Lulju 2022.

**AĠĠORNAMENT**

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul ippropona l-aġġornament tal-Kamra għat-Tnejn, 4 ta' Ottubru 2021 fl-4.00 p.m., b'aġenda li tiġi komunikata aktar 'il quddiem.

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Gvern, mill-Onor. Michael Farrugia u mill-Onor. Randolph De Battista.

Fit-7.49 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 3 ta' Ottubru 2022 fl-4.00 p.m. kif komunikat mis-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**